Ref: MAFA/HR 15/2023

Ċirkulari Nru MAFA/HR 15/2023

Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights
Direttorat għas-Servizzi Korporattivi,
Agriculture Research and Innovation Hub,
Triq l-Ingiered,
Luqa, LQA 3300

Data: 24 ta' Marzu 2023

Segretarji Permanenti
Diretturi Ġenerali
Diretturi
Il-Kapijiet ta' Organizzazzjonijiet tas-Settur Pubbliku

**Espressjoni ta' Interess minn fost l-Uffiċjali Pubbliċi biex jiġu assenjati dmirijiet bħala: Data Collectors/Interviewers għal-Catch Assessments Surveys, fid-Dipartiment tas-Sajd u L-Akkwakultura fil-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali**

1. F'konformità mal-kunċett tal-mobilità tal-impjiegi, li jsaħħaħ l-esperjenza tat-tagħlim tal-individwu filwaqt li jindirizza l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku, id-Dipartiment għas-Sajd u l-Akkwakultura fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, qiegħed ifittex li jidentifika Uffiċjali Pubbliċi adatti biex iwettqu dmirijiet kif imsemmija hawn fuq, għal perjodu ta' ħames (5) snin, li jista' jiġġedded għal aktar perjodi.

2. Il-kandidati magħżula għandhom, għall-perjodu li matulu jiġu assenjati tali dmirijiet, iwieġbu lill-Kap tad-Dipartiment fejn jiġu assenjati. Il-kandidati magħżula għandhom jattendu it-taħriġ xieraq, kif ukoll l-interviews li jsiru fil-ħinijiet tax-xogħol filgħodu.

3. Il-perjodu ta' assenjazzjoni għandu jitqies bħala "servizz fil-grad" għall-finijiet tal-kalkolu tat-tul tas-servizz, anzjanità, salarju, progressjoni u, fejn applikabbli, għall-finijiet ta' pensjoni tat-Teżor. Il-prestazzjoni f'dawn id-dmirijiet tiġi wkoll rikonoxxuta fir-Record of Service (GP47).

3.1. Il-Catch Assessment Surveys (CAS) isiru mid-Dipartiment għas-Sajd u l-Akkwakultura skont id-Deċiżjoni tal-Kummisjoni (EU) 2021/1167, li tadotta programm Kommunitarju multiannwali għall-ġbir, l-immaniġjar u l-użu tad-data fis-settur tas-sajd u l-akkwakultura. Il-CAS isiru għal kull xahar tas-sena ta' referenza.

**Termini u Kundizzjonijiet**

4. L-interviewers jitħallsu bir-rata ta' €20.00 għal kull kwestjonarju li jimtela. Din ir-rata tinkludi, fost l-oħrajn, it-taxxi u l-ispejjeż kollha li jħallas l-Interviewer sabiex jikkuntattja lil min ikun se jiġi intervistat u kif ukoll l-ispejjeż tat-trasport. Il-ħlas isir meta s-surveys assenjati jitlestew b'suċċess, u parti mill-ħlas jew saħansitra il-ħlas kollu jista' jinżamm, jekk l-assignment jintemm qabel it-tlestija b'suċċess tas-surveys assenjati.

4.1. L-interviewers għandhom jirrapurtaw lid-Direttur Ġenerali (Sajd u Akkwakultura), jew lil rappreżentant/a, jew delegat/a tiegħu, u l-applikanti magħżula jkunu mistennija jiffirmaw undertaking li jikkonferma l-impenn tagħhom għal dan l-assignment. Min jonqos li jimxi mad-direzzjoni u/jew l-iskadenzi mogħtija mid-Direttur Ġenerali (Sajd u Akkwakultura), u/jew rappreżentant/a tiegħu, mingħajr ġustifikazzjoni xierqa, jista' jintemmlu l-assignment b'mod immedjat.

4.2. L-interviewers jintalbu li jattendu għal sessjonijiet ta' taħriġ u briefing. Dawn jistgħu isiru matul il-ħin tal-uffiċċju u għal dan il-għan, il-persuni li jintgħażlu jkunu mistennija li jagħmlu arranġamenti personali sabiex jiġu rilaxxati min fuq il-post tax-xogħol tagħhom. L-attendenza għal dawn is-sessjonijiet mhijiex koperta bi ħlas

addizzjonali.

4.3. Id-Data Collectors/Interviewers ser ikunu qed jifformaw parti mil-Fisheries Research Unit fi ħdan id-Dipartiment għas-Sajd u l-Akkwakultura u ser ikunu qedgħin jaħdmu fuq bażi part-time.

**Dmirijiet**

5. L-uffiċjali eliġibbli huma għalhekk mistiedna jippreżentaw l-espressjoni ta' interess tagħhom biex jiġu assenjati dmirijiet relatati ma' waħda jew aktar mid-denominazzjonijiet imsemmija hawn fuq. Id-dmirijiet u r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà huma deskritti fl-Anness 'A'. L-uffiċjali ssekondati/mislufin/detailed/deployed/on attachment ma' Organizzazzjonijiet tas-Settur Pubbliku, li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà meħtieġa, jistgħu japplikaw ukoll.

**Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà**

6. L-applikanti eliġibbli se jintalbu jattendu għal intervista biex jiġi evalwat jekk humiex adatti għal dawk id-dmirijiet li huma esprimew interess fihom. Il-kandidati magħżula jiġu assenjati fuq dmirijiethom skont l-eżitu ta' tali valutazzjoni u skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

6.1. Uffiċjali Pubbliċi fi Skala ta' Salarju mhux inqas minn Skala 16, jew impjegati fis-Settur Pubbliku fi Skala ta' Salarju komparabbli, huma mistiedna li jissotomettu espressjoni ta' interess, sabiex iwettqu dmirijiet bħala Interviewers, għall-ġbir ta' data għall-CAS għas-snin ta' referenza mill-2023 il-quddiem. Kunsiderazzjoni xierqa tingħata lil dawk l-applikanti li għandhom esperjenza ta' xogħol xierqa u ppruvata u li:

a) ikollhom għarfien fl-industrija tas-sajd Maltija, inklużi id-diversi tipi ta' ħut maqbud, bastimenti tas-sajd u fishing gears użati u liema speċi huma targeted b'mod ġenerali;

b) ikollhom għarfien dwar il-qabda u l-varjabbli (eż. jiem fuq il-baħar, vjaġġi tas-sajd, speċi targeted skont il-fishing gears użati, eċċ) u l-implikazzjonijiet tagħhom fuq operazzjoni tas-sajd;

c) ikunu jirrikonoxxu l-outliners meta jiġbru id-data (eż. figuri esaġerati, eċċ) biex imbagħad iseġwi mal-persuna intervistata biex jaġġustaw iċ-ċifri għal ammonti preċiżi;

d) ikollhom ħiliet ta' komunikazzjoni tajba, kemm verbali kif ukoll bil-miktub u l-abbilta' li jieħdu approċi differenti u jaddattaw għal kull intervistatur biex iwassal data kompluta u ta' kwalita tajba;

e) komdi bl-użu tat-teknoloġija bħal smartphones, tablets u laptops, u applikazzjonijiet/software (bħal Excel jew software ieħor tal-ispreadsheets) biex tiġabar, tiddaħħal u tiġi immaniġjata id-data miġbura;

f) fluwenti fil-lingwa Maltija u dik Ingliza, biex tiffaċilita il-komunikazzjoni mal-intervistaturi;

g) kapaċi jimmaniġjaw il-ħin b'mod effettiv biex jintlaħqu l-iskadenzi u jiżguraw li id-data tinġabar f'waqtu;

h) ikollhom esperjenza fil-ġbir tad-data fi ħdan l-industrija tas-sajd u/jew esperjenza fil-ġbir ta' data oħra permezz ta' stħarriġ, intervisti u/jew osservazzjonijiet f'setturi oħra.

7. Kull kwalifika u esperjenza dikjarata għandha tkun sostnuta b'ċertifikati u/jew testimonjanzi, li kopji tagħhom għandhom ikunu mehmuża mas-sottomissjoni tal-Uffiċjal. Kopji skennjati mibgħuta elettronikament huma aċċettabbli.

7.1. Iċ-ċertifikati u/jew it-testimonjanzi oriġinali jridu jintwerew waqt l-intervista mingħajr ebda eċċezzjoni.

8. Ir-riżultat tal-proċess tal-għażla se jiġi ppubblikat mid-Dipartiment għas-Sajd u l-Akkwakultura, u jkun esebit fuq in-noticeboard tad-Dipartiment għas-Sajd u l-Akkwakultura, fl-Agriculture Research and Innovation Hub, Triq l-Ingiered, Luqa.

8.1. Petizzjonijiet li joġġezzjonaw għar-riżultat tal-proċess tal-għażla għandhom jaslu għand Direttur Ġenerali (Sajd u Akkwakultura) fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

**Sottomissjoni ta' l-Applikazzjoni**

9. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur Ġenerali (Sajd u Akkwakultura), Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, permezz tar-Recruitment Portal**biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki miksuba mill-applikant/a). Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet. Fil-każ ta' impjegati tas-Settur Pubbliku li qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku jew ħaddiema tal-RSSL, l-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet għandu jagħmel talba għal rapport ta' kwalunkwe perjodu ta' xogħol b'sigħat imnaqqsa jew fuq bażi part-time, leave mingħajr ħlas inkluż leave tal-mard mhux imħallas u/jew kwalunkwe perjodu ta' assenza mid-dmirijet tagħhom, kif ukoll rapport ta' xi azzjonijiet dixxiplinarji (fl-assenza ta' tali rapport jiġi mifhum li qatt ma ttieħdet azzjoni dixxiplinarja). Fil-każ ta' impjegati tas-Settur Pubbliku li qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku, l-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet għandu jagħmel talba għal konferma mingħand id-Direttur responsabbli mill-Immaniġġjar tan-nies tal-Ministeru (fejn l-applikanti qed iwettqu d-dmirijiet) li huma qegħdin uffiċjalment iwettqu d-dmirijiet f'dak il-Ministeru. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija **17:15 (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tlieta, 11 ta' April, 2023.** Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

10. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

11. Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

12. Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

13. L-Uffiċjali magħżula jridu jiffirmaw dokument li jixhed l-impenn tagħhom lejn l-assenjament li ntgħażlu biex jagħmlu.

Sharlo Camilleri
Segretarju Permanenti
Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali

AG